

Brussell, 24 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

13531/18

PECHE 426  
DELECT 142

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2018) 6794 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 18.10.2018 li jstabilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2018) 6794 final.

Mehmuż: C(2018) 6794 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.10.2018  
C(2018) 6794 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 18.10.2018**

**li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-  
perjodu 2019-2021**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Għan ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa l-eliminazzjoni progressiva tal-qbid skartat fis-sajd kollu tal-UE. L-iskart jikkostitwixxi ħela sostanzjali ta' riżorsi u għandu impatt negattiv fuq l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi kif ukoll fuq il-vijabbiltà ekonomika tas-sajd. L-obbligu ta' ħatt l-art japplika mill-1 ta' Jannar 2019 għall-qabdiet kollha tal-ispeċijiet soġġetti għal-limiti ta' qbid fis-sajd demersali. Il-politika riformata tipprevedi wkoll li ssir aktar reġjonalizzazzjoni, li hija maħsuba biex tiżgura li r-regoli jiġu adattati għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull żona tas-sajd u tal-baħar.

Il-PKS tipprevedi sensiela ta' dispożizzjonijiet biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Jeżistu dispożizzjonijiet ġeneriċi ta' flessibilità li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kwota. Barra minn hekk, il-PKS tipprevedi mekkaniżmi ta' flessibilità speċifiċi li jridu jiġu implimentati permezz ta' pjanijiet pluriennali, jew fin-nuqqas ta' pjanijiet pluriennali, permezz tal-hekk imsejħa pjanijiet għall-iskartar. Dawn il-pjanijiet għall-iskartar huma maħsuba bħala miżura temporanja għal perjodu limitat ta' mhux aktar minn tliet snin li jiġġeddu għal perjodu ieħor ta' tliet snin. Huma bbażati fuq rakkomandazzjonijiet konġunti maqbuli minn gruppi ta' Stati Membri mill-istess reġjun jew baċir tal-baħar.

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2439<sup>1</sup> stabbilixxa pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għas-snin 2016-2018 u tħassar u kien sostitwit bir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374<sup>2</sup>.

Dan l-att delegat jissostitwixxi l-pjan għall-iskartar għas-sajd demersali fl-Ilmijiet tal-Lbiċ kurrenti (ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374). F'konformità mal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, pjan għall-iskartar jista' jkun fih l-elementi li ġejjin:

- dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sajd jew dwar l-ispeċijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art;
- speċifikazzjoni ta' eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art jekk l-attivitajiet tas-sajd jew l-ispeċijiet jissodisfaw ċerti kriterji relatati ma' rata għolja ta' sopravivenza;
- dispożizzjonijiet għal eżenzjonijiet *de minimis*;
- dispożizzjonijiet dwar id-dokumentazzjoni tal-qabdiet;
- l-iffissar tad-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS);
- miżuri tekniċi.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-att delegat propost huwa bbażat fuq ir-Rakkomandazzjoni Konġunta (RK) żviluppata u sottomessa lill-Kummissjoni mill-Istati Membri konċernati (jiġifieri, il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall) li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd rilevanti f'dan ir-reġjun.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-approċċ reġjonalizzat, l-Istati Membri tal-SWW qablu li l-president tal-grupp, Spanja, għandu jibgħat RK lill-Kummissjoni. Għaldaqstant ir-RK tressqet

<sup>1</sup> ĠU L 336, 23.12.2015, p. 36.

<sup>2</sup> ĠU L 352, 23.12.2016, p. 33.

lis-servizzi tal-Kummissjoni fil-31 ta' Mejju 2018. Informazzjoni addizzjonali tressqet fi stadju aktar tard. Wara l-evalwazzjoni tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), l-Istati Membri tal-SWW irrededew ir-RK fil-31 ta' Awwissu 2018. Din kien fiha, fost l-oħrajn, l-elementi li ġejjin:

- Deskrizzjoni tas-sajd kopert mill-pjan għall-iskartar;
- Għadd ta' eżenzjonijiet għal rati ta' sopravivenza għoljin;
- Għadd ta' eżenzjonijiet *de minimis*.

Skont il-proċedura deskritta fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, din ir-RK hija r-riżultat ta' diskussjonijiet bejn l-Istati Membri tal-SWW li għandhom interess ta' ġestjoni dirett, u tqis il-fehmiet tal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Ilbiċ (SWW AC), li jikkonċernaw is-sajd kopert mir-RK. Għal dawn l-elementi kollha r-RK inkludiet dokumentazzjoni ta' appoġġ li ssostni l-eżenzjonijiet u dispożizzjonijiet oħra stipulati fir-RK.

Ir-RK ġiet żviluppata mill-Istati Membri kkonċernati, billi kkooperaw f'arranġament reġjonali u ħadmu flimkien fuq livell tekniku bil-gwida ta' grupp ta' livell għoli ta' Diretturi tas-sajd u b'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati.

Waqt li kienet qed tiġi żviluppata r-RK, l-SWW AC kien ikkonsultat fir-rigward tal-miżuri previsti fir-RK. Barra minn hekk, il-grupp tal-Istati Membri, kemm jista' jkun, immira għal approċċ konsistenti billi implimenta l-obbligu ta' ħatt l-art f'żoni ta' baċiri tal-baħar oħra, b'mod partikolari fl-Ilmijiet tal-Majjistral.

Ir-RK semmiet ukoll il-ħtieġa li jiġu eżentati xi qabdiet partikolari abbażi tal-leġiżlazzjoni relatata mal-prodotti tas-sajd li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, jiġifieri r-Regolament (KE) Nru 853/2004 u r-Regolament (KE) Nru 1881/2006. Madankollu, din l-eżenzjoni tidher li taqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-pjanijiet għall-iskartar tal-ħut skont l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għar-RK fil-kuntest tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għalhekk, din l-eżenzjoni ma ġietx inkluża f'dan ir-Regolament.

Ir-RK semmiet ukoll l-eżenzjoni għall-ħut danneġġjat mill-predaturi. Madankollu, din l-eżenzjoni hija diġà koperta mill-Artikolu 15(4)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma teħtieġ li tiġi implimentata minn att delegat.

L-elementi ewlenin tar-RK finali sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għas-sajd involut u l-eżenzjonijiet *de minimis* kif ukoll dawk ta' sopravivenza għolja ġew evalwati mill-Grupp ta' Ħidma Espert rilevanti tal-STECF u waqt il-laqgħa plenarja tal-STECF bejn it-2 u s-6 ta' Lulju 2018<sup>3</sup>.

Fuq il-bażi tal-evalwazzjoni mill-STECF u mill-Kummissjoni, u wara kjarifika ta' ċerti punti tar-RK, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-RK hija f'konformità mal-Artikolu 15(6) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 kif deskritt hawn fuq.

Il-Kummissjoni hija konxja li n-natura tas-sajd tista' tinbidel maż-żmien. Għalhekk huwa importanti li jiġi ċċarat li fejn qabel kienu ngħataw eżenzjonijiet għad-dewmien ta' pjan għall-iskartar (jiġifieri 3 jew 5 snin) dan ma jfissirx li dawn se jiġġeddu awtomatikament fi pjan għall-iskartar sussegwenti. Billi l-kompożizzjoni tal-qabdiet, it-teknoloġija tas-sajd jew l-imġiba tas-sajd tal-flotot koperti minn eżenzjoni jistgħu jkunu nbiddlu, huwa meħtieġ li l-eżenzjonijiet stabbiliti jergħu jiġu evalwati mill-STECF wara 3 jew 5 snin minn meta jingħataw inizjalment u li l-Istati Membri jkollhom jergħu jipprovdu ġustifikazzjoni u *data* xjentifika għal evalwazzjoni mill-STECF.

<sup>3</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf>

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

#### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

L-azzjoni legali ewlenija hija l-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art.

Ir-Regolament jispeċifika l-ispeċijiet u s-sajd li għalihom japplikaw miżuri speċifiċi: jiġifieri, l-eżenzjonijiet *de minimis* u l-eżenzjoni ta' sopravivenza għolja.

#### **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 15(6) u l-Artikolu 18(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

#### **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija fil-kamp tal-applikazzjoni tas-setgħat delegati mogħtija lill-Kummissjoni bl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tat-tali dispożizzjoni.

#### **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: Regolament Delegat tal-Kummissjoni.

Ma jkunux xierqa mezzi oħra għar-raġuni li ġejja: Il-Kummissjoni nġhatat is-setgħat biex tadotta pjan għall-iskartar permezz ta' atti delegati. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett ippreżentaw ir-rakkomandazzjoni konġunta tagħhom. Il-miżuri pprovduti fir-rakkomandazzjoni konġunta u inklużi f'din il-proposta huma bbażati fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 18.10.2018

## li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina b'mod progressiv l-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.
- (2) Sabiex jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art, l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta pjanijiet għall-iskartar permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.
- (3) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-ilmijiet tal-Lbiċ. Permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2439<sup>5</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2016-2018, li kien imħassar u sostitwit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374<sup>6</sup>, wara rakkomandazzjoni konġunta mressqa mill-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall fl-2016. Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 kien emendat permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2018/44<sup>7</sup>.
- (4) Fil-31 ta' Mejju 2018 il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall ippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta ġdida lill-Kummissjoni wara li kkonsultaw il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ. Inkisbu kontribuzzjonijiet xjentifiċi mingħand il-korpi xjentifiċi rilevanti li ġew evalwati mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)<sup>8</sup>. Fil-11 ta' Settembru 2018 saret laqgħa tal-grupp ta' esperti li għaliha attendew ir-rappreżentanti tat-28 Stat Membru, tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Parlament Ewropew bħala osservatur, u ġew diskussi l-miżuri kkonċernati.

<sup>4</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

<sup>5</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2439 tat-12 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 36).

<sup>6</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ (ĠU L 352, 23.12.2016, p. 33).

<sup>7</sup> ĠU L 7, 12.1.2018, p. 1.

<sup>8</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf>

- (5) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 kien jinkludi eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-iskampju maqbud bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fis-Subżoni 8 u 9 tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), billi l-evidenza xjentifika eżistenti indikat il-possibbiltà ta' rati ta' sopravivenza għoljin, filwaqt li tqiesu l-karatteristiċi tal-irkapti użati biex jimmiraw lejn dik l-ispeċi, il-prattiki tas-sajd u l-ekosistema. Fl-evalwazzjoni<sup>9</sup> tiegħu l-STEFCF ikkonkluda li l-esperimenti u l-istudji l-aktar reċenti li ġew kompletati mill-2016 sal-2018 juru rati ta' sopravivenza fil-firxa tar-rata ta' sopravivenza osservata fil-ħidma preċedenti. Għalhekk, billi ċ-ċirkostanzi ma nbiddlux, dik l-eżenzjoni ta' sopravivenza għandha tinżamm fil-pjan għall-iskartar demersali tal-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021.
- (6) Għar-rebakkini u r-raj maqbudin b'kull tip ta' rkaptu fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES, ma hemmx evidenza xjentifika dettaljata dwar ir-rati ta' sopravivenza għas-segment u l-kombinazzjonijiet kollha ta' flotot li jibbenefikaw mill-eżenzjoni. Madankollu, bi ftit eċċezzjonijiet, ir-rati ta' sopravivenza huma meqjusin bħala ġeneralment robusti, iżda huma meħtieġa iktar dettalji. Sabiex tinġabar din id-*data*, is-sajd ikun irid jitkompla u b'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni għandha tingħata, iżda li l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu li jissottomettu d-*data* rilevanti li tippermetti l-STEFCF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jissottomettu malajr kemm jista' jkun sal-31 ta' Mejju ta' kull sena: (a) pjan direzzjonali żviluppat biex iżid is-sopravivenza u biex jimla l-lakuni fid-*data* identifikati mill-STEFCF, biex jiġi vvalutat kull sena mill-STEFCF, (b) rapporti annwali dwar il-progress u kwalunkwe modifiki jew aġġustamenti li jsiru għall-programmi ta' sopravivenza.
- (7) Meta jitqiesu r-rati ta' sopravivenza tar-rebakkini u r-raj, ir-*Leucoraja naevus* nstabu li għandhom rata ta' sopravivenza konsiderevolment iktar baxxa minn speċijiet oħrajn, u li ma hemmx biżżejjed fehim xjentifiku robust tagħhom. Madankollu jekk din l-ispeċi tiġi eskluża kompletament mill-eżenzjoni dan jipprevjeni s-sajd u l-ġbir kontinwu u preċiż ta' *data*. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din l-eżenzjoni għandha tingħata biss għal sena waħda u li għandhom jiġu żviluppati studji ġodda u miżuri mtejba ta' sopravivenza bħala kwistjoni ta' urġenza u li dawn jiġu pprovduti lill-STEFCF għal valutazzjoni malajr kemm jista' jkun qabel il-31 ta' Mejju 2019.
- (8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi wkoll eżenzjoni ta' sopravivenza għall-paġella ħamra maqbuda bl-irkaptu artiġjanali "*voracera*" fid-Diviżjoni 9a tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika sabiex juru r-rati ta' sopravivenza għall-qbid skartat tal-paġella ħamra. L-evidenza kienet sottomessa lill-STEFCF li kkonkluda li l-eżenzjoni hija ġustifikata sew. Għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiddaħħal fil-pjan għall-iskartar il-ġdid għas-snin 2019-2021.
- (9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi wkoll eżenzjoni ta' sopravivenza għall-paġella ħamra maqbuda bis-snanar u l-lenzi fis-Subżona 10 tal-ICES. L-Istati Membri pprovdew evidenza xjentifika sabiex juru r-rati ta' sopravivenza tal-paġella ħamra f'dak is-sajd. L-evidenza kienet sottomessa lill-STEFCF li kkonkluda li l-eżenzjoni hija ġustifikata sew. Għalhekk jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiddaħħal fil-pjan għall-iskartar il-ġdid għas-snin 2019-2021.
- (10) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 kien jinkludi eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013

<sup>9</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf>

għal-lingwata komuni maqbuda bi xbieki tat-tkarkir bi travu u xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fid-Diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES u għal-lingwata komuni maqbuda bil-pariti u l-għeżula fid-Diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri għal dawk l-eżenzjonijiet fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida kienet evalwata mill-STEFC<sup>10</sup>. L-STEFC ikkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta fiha argumenti motivati b'rabta mad-diffikultà biex tiżdied is-selettività flimkien mal-ispejjeż sproporzjonati tal-ipproċessar tal-qabdieth mhux mixtieqa. Għalhekk, billi ċ-ċirkostanzi ma nbiddlux, l-eżenzjonijiet *de minimis* għandhom jinżammu fil-pjan għall-iskartar demersali għall-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021.

- (11) Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2374 kien jinkludi eżenzjoni *de minimis* mill-obbligu ta' hätt l-art skont l-Artikolu 15(5)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-merluzz maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES. L-evidenza pprovduta mill-Istati Membri għal dik l-eżenzjoni kienet evalwata mill-STEFC, li kkonkluda<sup>11</sup> li għandhom jitwettqu iktar provi sabiex jiġi vvalutat it-titjib fis-selettività. Sabiex tinġabar din id-*data*, is-sajd ikun irid jitkompla u b'hekk, il-Kummissjoni tqis li l-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata, iżda l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu li jissottomettu d-*data* rilevanti li tippermetti l-STEFC jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni. Għalhekk, l-eżenzjoni *de minimis* jenħtieġ li tingħata proviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2019. L-Istati Membri konċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun qabel il-31 ta' Mejju 2019 għal valutazzjoni mill-STEFC.
- (12) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida fiha eżenzjonijiet *de minimis* ġodda għal:
- il-fonsa hāmra maqbuda bis-snanar u l-lenzi fis-Subżona 10 tal-ICES,
  - il-lipp abjad maqbud bis-snanar u l-lenzi fis-Subżona 10 tal-ICES,
  - is-sawrell maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - is-sawrell maqbud bl-għeżula fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF),
  - il-kavall maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-kavall maqbud bl-għeżula fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tas-CECAF,
  - l-inċova maqbuda bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-pixxitrombetta maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-megrim maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-megrim maqbud bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-barbun tat-tbajja' maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - Il-barbun tat-tbajja' maqbuda bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-petriċa maqbuda bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-petriċa maqbuda bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,

<sup>10</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1099561/STECF+PLEN+15-02.pdf>

<sup>11</sup> <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2147402/STECF+PLEN+18-02.pdf>

- il-merlangu maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-merlangu maqbud bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-pollakkju maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-pollakkju maqbud bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES,
  - il-lipp abjad maqbud bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fid-Diviżjoni 9a tal-ICES,
  - il-paġella ħamra maqbuda bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fid-Diviżjoni 9a tal-ICES,
  - il-lingwata maqbuda bix-xbieki tat-tkarkir u t-tartaruni fid-Diviżjoni 9a tal-ICES.
- (13) L-Istati Membri pprovdu informazzjoni għall-eżenzjonijiet *de minimis* għall-fonsa ħamra u l-lipp abjad maqbudin bis-snanar u l-lenzi fis-Subżona 10 tal-ICES. L-STEFCF evalwa dik l-evidenza u kkonkluda li l-informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri fiha argumenti raġonati li juru li huwa diffiċli li jinkiseb iktar tiġib fis-selettività jew li dan jimplika spejjeż sproporzjonati fl-immaniġġjar tal-qabdiet mhux intenzjonati. Għalhekk huwa xieraq li dawn l-eżenzjonijiet *de minimis* jiġu inklużi fil-pjan għall-iskartar il-ġdid għas-snin 2019-2021.
- (14) L-informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun kompluta fir-rigward tal-eżenzjonijiet *de minimis* il-ġodda għal dawn l-ispeċijiet individwalment:
- is-sawrell, il-kavall, l-inċova, il-pixxi trumbetta, il-megrim, il-barbun tat-tbajja', il-petriċa, il-merlangu, u l-pollakkju maqbudin bix-xbieki tat-karkir u t-tartaruni fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - il-megrim, il-barbun tat-tbajja', il-merlangu u l-pollakkju maqbudin bl-għeżula fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - is-sawrell u l-kavall maqbudin bl-għeżula fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-Żoni 34.1.1, 34.1.2, u 34.2.0 tal-CECAF; kif ukoll
  - il-lipp abjad, il-paġella ħamra u l-lingwata maqbudin bix-xbieki tat-karkir u t-tartaruni fid-Diviżjoni 9a tal-ICES.
- Taħt dawk iċ-ċirkostanzi, dawn l-eżenzjonijiet individwali għal kull speċi jenħtieġ li jkunu limitati għal sena waħda u l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-obbligu li jissottomettu *d-data* rilevanti li tippermetti l-STEFCF jivvaluta bis-sħiħ il-ġustifikazzjoni u li tippermetti l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni. Dawn l-eżenzjonijiet *de minimis* jenħtieġ li jingħataw provviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2019. L-Istati Membri konċernati jenħtieġ li jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu informazzjoni malajr kemm jista' jkun qabel il-31 ta' Mejju 2019 għal valutazzjoni mill-STEFCF.
- (15) Sabiex jiġu żgurati stimi affidabbli tal-livelli ta' skartar sabiex jiġu stabbiliti l-qabdiet annwali totali (TACs), jenħtieġ li l-Istati Membri, fil-każijiet fejn l-eżenzjoni *de minimis* hija bbażata fuq l-estrapolazzjoni ta' sitwazzjonijiet b'*data* limitata u informazzjoni dwar il-flotot parzjali, jiżguraw provvista ta' *data* preċiża u verifikabbli għall-flotta sħiħa koperta minn din id-dispożizzjoni *de minimis*.
- (16) Il-miżuri ssuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida huma konformi mal-Artikolu 15(4), l-Artikolu 15(5)(c) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk jistgħu jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (17) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni qieset kemm il-valutazzjoni tal-STEFCF kif ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-

implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art fl-1 ta' Jannar 2019. F'diversi każijiet, l-eżenzjonijiet jeħtieġu li jitkomplew l-attività tas-sajd u l-ġbir ta' *data* sabiex jiġu indirizzati l-kummenti tal-STEFC. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni tqis bħala approç pragmatiku u prudenti lejn il-ġestjoni tas-sajd, li tippermetti eżenzjonijiet fuq bażi temporanja, bil-fehim li jekk ma tagħmilx hekk dan jipprevjeni l-ġbir ta' *data* meħtieġ li huwa indispensabbli għal ġestjoni xierqa u informata tal-qabdiet skartati fid-dawl tad-dħul fis-seħħ bis-sħiħ tal-obbligu ta' ħatt l-art.

- (18) Billi l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-attivitàjiet ekonomiçi marbuta mal-istaġun tas-sajd u mal-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### ***Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art***

Fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-Żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF), l-obbligu ta' ħatt l-art stipulat fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-ispeçijiet demersali f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-perjodu 2019-2021.

#### *Artikolu 2*

#### ***Definizzjonijiet***

“Voracera” tfisser irkaptu tas-sajd artiġjanali, xliet bis-sunnara mekkanizzat iddisinjat u mibni lokalment, użat mill-flotta artiġjanali li tistad għall-paġella ħamra fin-Nofsinhar ta' Spanja fid-Diviżjoni 9a tal-ICES.

#### *Artikolu 3*

#### ***Eżenzjoni ta' sopravivenza għall-iskampu***

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeçijiet li l-evidenza xjentifika għalihom turi rati ta' sopravivenza għoljin, kif stipulat fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES bix-xbieki tat-tkaxkir tal-qieġh (kodiçijiet tal-irkaptu<sup>12</sup>: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TB, TBB, OT, PT u TX).
2. Meta jiġi skartat l-iskampu li jinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, dan għandu jinħeles sħiħ, minnufih, u fiż-żona fejn ikun inqabad.

#### *Artikolu 4*

#### ***Eżenzjoni ta' sopravivenza għar-rebakkini u r-raj***

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeçijiet li l-evidenza xjentifika għalihom turi rati ta' sopravivenza għoljin, kif stipulat fl-Artikolu 15(4)(b) tar-

<sup>12</sup> Il-kodiçijiet tal-irkapti li ntużaw f'dan ir-Regolament jirreferu għal dawk il-kodiçijiet fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għall-bastimenti li t-tul totali tagħhom huwa inqas minn 10 metri, il-kodiçijiet tal-irkaptu użati f'din it-tabella jirreferu għall-kodiçijiet mill-klassifikazzjoni tal-irkaptu tal-FAO.

Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għar-rebkkini u r-raj (*Rajiformes*) maqbudin b'kull tip ta' rkaptu fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES. Meta r-rebkkini u r-raj jinqabdu f'dik iż-żona, dawn għandhom jinħelsu minnufih.

2. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom, kull sena, jippreżentaw l-informazzjoni xjentifika addizzjonali li tiġġustifika l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija sal-1 ta' Awwissu ta' kull sena.
3. L-eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tapplika għar-raj kukù sal-31 ta' Diċembru 2019. L-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jissottomettu malajr kemm jista' jkun qabel il-31 ta' Mejju 2019, informazzjoni xjentifika addizzjonali li tiġġustifika din l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija qabel l-1 ta' Awwissu 2019.

#### *Artikolu 5*

#### ***Eżenzjoni ta' sopravivenza għall-paġella ħamra***

1. L-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art għall-ispeċijiet li l-evidenza xjentifika għalihom turi rati ta' sopravivenza għoljin, kif stipulat fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandha tapplika għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) maqbuda bl-irkaptu artiġġjanali *voracera* użat fid-Diviżjoni 9a tal-ICES u għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) maqbuda bis-snanar u l-lenzi fis-Subżona 10 tal-ICES.
2. Meta tiġi skartata l-paġella ħamra li tinqabad fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, din għandha tinħeles minnufih.

#### *Artikolu 6*

#### ***Eżenzjonijiet de minimis***

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitajiet li ġejjin skont l-Artikolu 15(5)(c) ta' dak ir-Regolament:
  - (a) għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), sa mhux aktar minn 6 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTT, OTB, PTB, OT, PT, TBN, TBS, TX, SSC, SPR, TB, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (b) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa mhux iktar minn 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT and TX) fid-Diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES;
  - (c) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa mhux iktar minn 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw il-pariti u l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR u GEN) fid-Diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES;
  - (d) għall-fonsa ħamra (*Beryx spp.*), sa mhux iktar minn 5 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw is-snanar u l-lenzi (kodiċijiet tal-irkaptu: LHP, LHM, LLS, LLD) fis-Subżona 10 tal-ICES;

- (e) għal-lipp abjad (*Phycis blennoides*), sa mhux iktar minn 3 % tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw is-snanar u l-lenzi (kodiċijiet tal-irkaptu: LHP, LHM, LLS, LLD) fis-Subżona 10 tal-ICES;
- (f) għas-sawrell (*Trachurus spp.*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (g) għas-sawrell (*Trachurus spp.*), sa mhux iktar minn 3 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-Żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-CECAF;
- (h) għall-kavall (*Scomber scombrus*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (i) għall-kavall (*Scomber scombrus*), sa mhux iktar minn 3 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8, 9 u 10 tal-ICES u ż-Żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 tal-CECAF;
- (j) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (k) għall-pixxitrombetta (*Caproidae*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (l) għall-megrim (*Lepidorhombus spp.*), sa mhux iktar minn 5 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (m) għall-megrim (*Lepidorhombus spp.*), sa mhux iktar minn 4 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (n) għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), sa mhux iktar minn 5 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (o) għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), sa mhux iktar minn 4 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
- (p) għall-petriċa (*Lophiidae*), sa mhux iktar minn 5 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;

- (q) għall-petriċa (*Lophiidae*), sa mhux iktar minn 4 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (r) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa mhux iktar minn 5 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (s) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa mhux iktar minn 4 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (t) għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), sa mhux iktar minn 5 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TBN, TBS, TBB, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (u) għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), sa mhux iktar minn 4 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw l-għeżula (kodiċijiet tal-irkaptu: GNS, GND, GNC, GTR, GTN) fis-Subżoni 8 u 9 tal-ICES;
  - (v) għal-lipp abjad (*Phycis blennoides*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TB, TBN, TBS, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fid-Diviżjoni 9a tal-ICES;
  - (w) għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TB, TBN, TBS, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fid-Diviżjoni 9a tal-ICES;
  - (x) għal-lingwata (*Solea spp.*), sa mhux iktar minn 7 % fl-2019 tal-qabdiet annwali totali ta' dik l-ispeċi minn bastimenti li jużaw ix-xbieki tat-tkarkir bi travu, ix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u t-tartaruni (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, PTB, TB, TBN, TBS, OT, PT, TX, SSC, SPR, SDN, SX, SV) fid-Diviżjoni 9a tal-ICES.
2. L-eżenzjonijiet *de minimis* stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (f)-(x) għandhom japplikaw proviżorjament sal-31 ta' Diċembru 2019. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom jippreżentaw malajr kemm jista' jkun qabel il-31 ta' Mejju 2019, l-informazzjoni xjentifika addizzjonali li tiġġustifika l-eżenzjoni. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd għandu jevalwa l-informazzjoni xjentifika mogħtija qabel l-1 ta' Awwissu 2019.

*Artikolu 7*  
**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18.10.2018

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Jean-Claude JUNCKER*